

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: K. Herbout Borczak u S. Lejeune, aġenti)

Suġġett

Principalement, talba bbażata fuq l-Artikolu 272 TFUE u intiża sabiex jiġi kkonstatat ksor mill-Kummissjoni tad-dispożizzjonijiet tal-ftehim tal-għoti ta' sussidju Nru 224297, marbut mal-finanzjament tal-proġetti ARTreat, u għall-annullament tal-ittra tal-Kummissjoni tat-28 ta' Lulju 2014 li tinforma lir-rikorrenti, abbażi tal-verifikasi mwettqa minnha, bl-irkupru tal-ammont ta' EUR 258 479,21 li kien tħallas ilu indebitament bħala kontribuzzjoni finanzjarja tal-Unjoni Ewropea u, sussidjarjament, talba bbażata fuq l-Artikolu 272 TFUE u maħsuba sabiex jiġi kkonstatat li l-ammonti mħallsa jikkorrispondi għal spejjeż eliġibbli u għaldaqstant ma għandhomx jiġu rrimborsati.

Dispożittiv

- 1) Ir-rikors huwa miċħud.
- 2) Intercon sp. z o.o. għandha tħalli, minbarra l-ispejjeż tagħha, l-ispejjeż sostnuti mill-Kummissjoni Ewropea.

(¹) ĠU C 380, 27.10.2014.

Sentenza tal-Qorti Ġeneral ta' Settembru 2016 – Intercon vs Il-Kummissjoni

(Kawża T-206/15) (¹)

[“Klawżola ta’ arbitraġġ — Is-Seba’ Programm Kwadru għall-attivitajiet ta’ riċerka, ta’ żvilupp teknoloġiku u ta’ dimostrazzjoni — Ftehimiet ta’ sussidju dwar il-proġetti ‘Virtual Pathological Heart of the Virtual Physiological Human’ — Deċiżjoni tal-Kummissjoni li teżiġi r-rimbors ta’ parti mis-somom imħallsa — Inammissibbiltà — Artikolu 44(1)(c) tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti Ġeneral ta-2 ta’ Mejju 1991 — Dokumenti u osservazzjonijiet ippreżentati wara l-iskadenza tat-termini mogħtija”]

(2016/C 410/16)

Lingwa tal-kawża: il-Pollakk

Partijiet

Rikorrenti: Intercon sp. z o.o. (Łódź, il-Polonja) (rappreżentant: B. Eger, avukat)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: K. Herbout-Borczak u S. Lejeune, aġenti)

Suġġett

Talba bbażata fuq l-Artikolu 272 TFUE u intiża sabiex tikkonstata, minn naħa, il-ksor mill-Kummissjoni tad-dispożizzjonijiet tal-ftehim ta' sussidju Nru 224635, dwar il-finanzjament tal-proġetti “Virtual Pathological Heart of the Virtual Physiological Human (VPH2)”, u, min-naħħa l-oħra, li s-somom imħallsa bħala kontribuzzjoni finanzjarja tal-Unjoni Ewropea jikkorrispondi għall-ispejjeż li huma eliġibbli u li l-ammont ta' EUR 70 620 mitluba mir-rikorrenti permezz tal-ittra tal-Kummissjoni tat-28 ta' Jannar 2015 u n-nota ta' debitu annessa ma għandhomx, għaldaqstant, jiġu rrimborsati.

Dispożittiv

- 1) Ir-rikors huwa miċħud.
- 2) Intercon sp. z o.o. għandha tħalli, minbarra l-ispejjeż rispettivi tagħha, l-ispejjeż sostnuti mill-Kummissjoni Ewropea.

(¹) ĠU C 221, 6.7.2015.